Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 491 Novembru 2017

## L-EWWEL JUM DINJI TAL-FOQRA

### Il-Ħadd 19 ta' Novembru 2017

***"Ma nħobbux bil-kliem imma bl-għemil"***

Kif tafu, il-Papa nieda l-Jum Dinji tal-Foqra, li se jibda jiġi ċċelebrat ta' kull sena l-Ħadd qabel Kristu Re, jiġifieri fit-33 Ħadd ta' Matul is-Sena. Din is-sena se niċċelebraw l-1 Jum Dinji tal-Foqra l-Ħadd 19 ta' Novembru.

Għal din l-okkażjoni, il-Papa bagħtilna Messaġġ, li nagħmlu tajjeb naqrawh u naġixxu fuqu. Hawn qed inġibu silta qasira mill-Messaġġ:

7. Nixtieq li l-komunitajiet Insara, fil-ġimgħa qabel il-*Jum Dinji tal-Foqra*, li din is-sena sa jaħbat fid-19 ta' Novembru, it-XXXIII Ħadd ta' Matul is-Sena, iħabirku biex joħolqu tant mumenti ta' laqgħa u ta' ħbiberija, ta' solidarjetà u ta' għajnuna konkreta. Jistgħu mbagħad jistiednu lill-foqra u lill-voluntiera biex jieħdu sehem flimkien fl-Ewkaristija ta' dan il-Ħadd, biex hekk tkun iżjed awtentika ċ-ċelebrazzjoni tas-Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-univers, il-Ħadd ta' wara. Fil-fatt, ir-regalità ta' Kristu toħroġ fit-tifsira kollha proprja tagħha fuq il-Golgota, meta l-Innoċenti msammar mas-salib, fqir, għeri u mċaħħad minn kollox, ilaħħam u juri fih il-milja tal-imħabba ta' Alla. L-abbandun totali tiegħu għall-Missier, waqt li jesprimi l-faqar sħiħ tiegħu, juri l-qawwa ta' din l-Imħabba, li dakinhar tal-Għid tqajmu għal ħajja ġdida.

F'dan il-Ħadd, jekk fil-post fejn ngħixu hemm foqra li qed ifittxu protezzjoni u għajnuna, ejjew nersqu qrib tagħhom: ikun il-mument it-tajjeb biex niltaqgħu ma' dak Alla li qed infittxu.

Nistgħu naqraw il-Messaġġ sħiħ bil-Malti minn fuq http://www.laikos.org/Fr1_Messagg_Jum-Foqra_2017_13062017.htm.

## JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI

**L-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017**

Jum il-Qdusija Universali jiġi ċċelebrat ta' kull sena mill-Moviment "Pro Sanctitate"

Motto: Il-milja tal-bniedem hija fil-fraternità qaddisa.

## ORDO VIRGINUM

Konsagrazzjoni ta' Josette Vassallo u Nancy Grech fl-Ordni tal-Verġni

Knisja Katidrali | L-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017

## NIĊĊELEBRAW LIL *KRISTU SULTAN* TAL-ĦOLQIEN KOLLU

**"Niltaqgħu ma' San Tarċisju"**

Ċelebrazzjoni għat-Tfal tad-Duttrina (tar-4, il-5 u s-6 sena)

Il-Ħamis, 23 ta' Novembru | Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur | 5-6pm

**"Jien kiltu, u f'ħalqi ħassejtu ħelu għasel."**

(Eżek 3:3)

Ċelebrazjoni Djoċesana ta' Kristu Re

Il-Ħadd, 26 ta' Novembru | Rotunda tax-Xewkija | 4.30pm

## Jum il-Karità fid-Djoċesi

**Il-Ħadd 26 ta' Novembru**

Inkunu ĠENERUŻI

Fis-Solennità ta' Kristu Re jinżamm Jum il-Karità fid-Djoċesi tagħna. Il-ġbir fil-quddies imur għall-opri ta' karità li tmexxi d-Djoċesi tagħna permezz tal-Caritas. Inkunu ġenerużi, anke fl-offerta fl-*envelopes* li jitqassmu fid-djar.

## ANNIVERSARJU TAL-ĦATRA TAL-ISQOF MARIO GRECH

IL-Ħadd is-26 ta' Novembru 2017 jaħbat it-12 anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech. Nitolbu Għalih.



## NOVEMBRU: *IX-XAHAR TAL-ERWIEĦ*

F'dan ix-Xahar ta' Novembru, intennu ta' spiss it-talba għall-Erwieħ tal-Purgatorju, u niftakru li aħna msejħa flimkien magħhom għall-ħajja hienja fis-Sema:

**Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu fis-sliem. Ammen.**

| | |
|---|---|
| 1. L-Erbgħa | Solennità tal-Qaddisin kollha. Sena A. Jum il-Qdusija Universali.<br>Bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, min b'devozzjoni jżur iċ-ċimiterju jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.<br>Tintrebaħ dik parzjali jekk iż-żjara ssir fil-ġranet l-oħra.<br>Żjajjar lill-Anzjani mill-Adolexxenti tal-Azzjoni Kattolika.<br>Rit tal-Konsagrazzjonital-Ordni tal-Verġni (Katidral - 6.30pm) |
| 2.Il-Ħamis | L-Għid tal-Imwiet. Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha. |
| 3. Il-Ġimgħa | San Martin de Porres. Reliġjuż. Tifkira / L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi / Quddiesa għall-professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.00pm). Qabel ikun hemm il-qrar / Laqgħa għall-persuni separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II). |
| 4. Is-Sibt | San Karl Borromeo Isqof. Tifkira (O).<br>Il-151 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù./ Tifkira tas-Saċerdoti Mejtin msehbin fil-Kongregazzjoni ta' San Filippu Neri (Katidral - 8.00am).<br>Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali - 4.30pm) / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| 5. Il-Ħadd | Il-31 Ħadd tas-Sena A / Films għall-Familja (Oratorju - 5.30pm). |
| 5-10 | Irtir għas-saċerdoti f'Dar Manresa. |
| 6. It-Tnejn | Il-Martri Beati tal-Gwerra Ċivili Spanjola. Tifkira. |
| 7. It-Tlieta | AKSK (Laura Vicuna). |
| 8. L-Erbgħa | Beatus Ġwann Duns  Scotus. Tifkira. Jew Beata Elizabetta tat-Trinità, Verġni. Tifkira.<br>Quddiesa għar-Reliġjużi u l-Persuni Ikkonsagrati Mejtin (Sorijiet Klarissi - 4pm). |
| 9. Il-Ħamis | Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran. Festa. / Laqgħa Għalliema Yr.4. (LV).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 10.Il-Ġimgħa | San Ljun il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |
| 11. Is-Sibt | San Martin ta' Tours, Isqof. Tifkira (O).<br>Ikla ta' San Martin (Seminarju). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| 12. Il-Ħadd | It-32 Ħadd tas-sena. Sena A |
| 13. It-Tnejn | San Stasnislaw Kostka S.J. Tifkira. |
| 14. It-Tlieta | Jum Dinji tad-Dijabete (ĠM). |
| 15. L-Erbgħa | San Albertu l-Kbir, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Is-7 Anniversarju mill-mewt tal-Isqof Nikola Ġ. Cauchi. Nitolbu għalih.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Każ Morali għas-Saċerdoti (Seminarju - 4pm) / Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| 16. Il-Ħamis | Santa Ġertrude,Verġni. Tifkira / Laqgħa Għalliema Yr. 5 (LV). |
| 17 Il-Ġimgħa | Santa Elizabetta tal-Ungerija.Tifkira (O).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 8.00pm). |
| 18. Is-Sibt | Id-Dedikazzjoni tal-Bażilki ta' San Pietru u San Pawl Appostli. Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| 19. Il-Ħadd | It-33 Ħadd tas-sena. Sena A. / L-Ewwel Jum Dinji tal-Foqra.<br>Jum Dinji ta' Tifkira tal-Vittmi tat-Traffiku (ĠM). |
| 20. It-Tnejn | Jum Universali tat-Tfal / Laqgħa ta' Formazzjoni għas-Saċerdoti Żona A (Seminarju - 4.30pm). |
| 21. It-Tlieta | Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (O) / Jum il-Klawstrali. |
| 22. L-Erbgħa | Santa Ċeċilja, Verġni u Martri. Tifkira (O) / KKSK (LV). |
| 23. Il-Ħamis | San Kolumbanu Abbati. Tifkira. Jew San Klement I, Papa u Martri.Tifkira.<br>Jum ir-Radd il-Ħajr għall-Ġid tal-Ħolqien / Laqgħa Għalliema Yr.6 (LV) / Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għat-Tfal tad-Duttrina tar-4, il-5 u s-s6 Sena (Nadur - 5pm) / Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ u għall-Ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 24.Il-Ġimgħa | Sant'Andrija Dung Lac, Presbiteru u Sħabu Martri. Tifkira (O).<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja: (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II). |
| 25. Is-Sibt | Santa Katerina ta' Lixandra, Verġni u Martri. Tifkira.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' Sannat (6.00pm-8.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| 26. Il-Ħadd | Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. Sena A / Jum il-Karità. Ġabra Djoċesana fil-knejjes / Ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re  (Parroċċa tax-Xewkija - 4.30pm)<br>It-12-il Anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex. Nitolbu għalih. |
| 27. It-Tnejn | Laqgħa ta' Formazzjoni għas-Saċerdoti Żona B (Għarb - 4.30pm) |
| 28. It-Tlieta | Santa Katerina Labouré. Tifkira. |
| 29. L-Erbgħa | San Saturninu, Martri. Tifkira. |
| 30. Il-Ħamis | Sant'Andrija, Appostlu. Festa. |